**MINUTI**

Laqgħa Kunsill Lokali Paola

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09-09

It-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċju amministrattiv tiegħu f' Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024. Il-laqgħa bdiet fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Jason Silvio | Sindku |
| | Darren Lynch | Kunsillier |
| | Neville Camilleri | Kunsillier |
| | Roderick Caruana | Kunsillier |
| | Rose Piccinino | Kunsilliera |
| | Melanie Agius Attard | Kunsilliera |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Dominic Grima | Viċi Sindku |
| **Assenti:** | Ħadd | |
| **Uffiċjal Preżenti** | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Kunsill Lokali Paola

**09.01 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji**

08.01.01 Is-SE informa li l-Viċi Sindku kien informa li ma setgħax jattendi minħabba li kien indispost. Il-Kunsillieri approvaw li l-Viċi Sindku għandu jitqies bħala skużat.

**09.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 09/08**

09.02.01 Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 09/08 li kienu ntbagħtu qabel ġew approvati unanimament. Il-Kunsilliera Agius Attard ipproponiet filwaqt li l-Kunsillier Lynch issekonda.

**09.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

09.03.01 Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi awgura kull suċċess lis-Sur Michael Piccinino li jiġi t-tifel tal-Kunsilliera Piccinino, li kien għadu kif ġie approvat bħala kandidat għall-elezzjoni ġenerali.

09.03.02 Is-Sindku nforma li fil-ġranet li għaddew il-Kunsill kien iffirma MOU mal-PWD sabiex ħdejn il-Knisja ta' Ghajn Dwieli u fejn il-Paola Wolves ser isiru arbli tad-dawl li jaħdmu bis-sistema solari.

09.03.03 Is-Sindku nforma li fuq inizjattiva tar-Regjun Port, ġewwa l-binja tal-Kunsill fl-aħħar ġranet saret laqgħa ta' nformazzjoni mis-SEM (Servizzi Ewropej Malta). Huwa qal li ħafna għaqdiet u Kunsill ibbenefikaw mill-għajnuna li toffri s-SEM u wera x-xewqa li bħala Kunsill insibu proġett li jkun jista' jiġi mwettaq permezz ta' fondi miksuba mis-SEM. F'intervent li għamlet il-Kunsilliera Piccinino, hija qalet li flimkien mal-Kunsillier Caruana kienet attendiet għal-laqgħa organizzata mill-AKL u l-ALDA fejn is-suġġett ta' fondi mill-Ewropa kompla jiġi spjegat fid-dettal. Hija semmiet il-ħsieb li jistgħu jinkisbu fondi sabiex mal-ħajt tal-ħabs jiġi nstallat *board* diġitali fejn il-Kunsill u l-għaqdiet tar-raħal ikunu jistgħu jużaw dan il-*board* sabiex iwasslu l-messaġġi tagħhom.

09.03.04 Rigward Ġnien Tony Bezzina, s-Sindku semma li kellu laqgħa oħra ma' *Infrastructure Malta* (IM). Huwa qal li l-parir ta' IM huwa li huwa jidħlu għax-xogħol kollu li baqa' huma speċjalment fejn jidħol ċertifikazzjoni. Is-Sindku qal li IM wegħdu li fi żmien 6 xhur minn meta jinbeda x-xogħol minn IM, il-proġett jitlesta. Is-SE ta spjega dwar il-kuntratt u l-fondi sabiex isir dan il-proġett li parti minnhom kellhom jiġu mill-UIF u ammont ieħor mingħand Ambjent Malta. IM għandhom jitkellmu mal-kuntrattur sabiex jiġi stabbilit kif dan ser joħroġ mill-kuntratt li hemm bejnu u bejn il-Kunsill. Kien hemm qbil li jkun hemm ftehim ċar li l-kuntrattur ma jkollux jieħu flus iktar mingħand il-Kunsill ħlief l-ammont ta' *retention* li jservi ta' garanzija fuq ix-xogħol li sar. Dwar dan kien hemm qbil.

09.03.05 Is-Sindku tkellem dwar il-Fond għall-Kawżi Ġusti. Huwa qal li sa issa dak li kien qed isir huwa li l-Kunsill kien qed iħallas tat-trasport mill-fondi tiegħu u fil-verità mill-attivitajiet ma kienx qed jibqa' flus għall-Fond u fil-verità l-ammont għat-trasport kien qed ikun iktar minn dak li kien jibqa' mill-attività nnifisha. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li kull attività tkun iffinanzjata kompletament u wara li jinqatgħu l-ispejjeż flimkien ma' dak li jibqa' mill-*Fund Raising* li jsir waqt din l-attività ikun dak l-ammont li jmur għall-Fond għall-Kawżi Ġusti. Kien hemm qbil li jinġiebu kwotazzjonijiet għas-servizz ta' trasport għall-attivitajiet ta' sena sabiex b'hekk inkunu nafu minn qabel kemm ser jiswa t-trasport u dan ikun inkluż mal-prezz tal-attività. Ġie deċiż li l-ammont li jkollna sas-26 ta' Diċembru ser imorru għall-Istrina, u dak li jinġabar mid-*Dinner Dance* tat-28 ta' Diċembru jmorru għad-Dar tal-Providenza.

09.03.06 Is-Sindku staqsa jekk kienux ser jingħataw xi rigali li dawk il-persuni li jkunu ta' għajnuna għall-Kunsill matul is-sena. Kien hemm qbil li għandha tiġi kkompilata lista ta' dawn il-persuni.

09.03.07 Rigward il-Villaġġ tal-Milied is-Sindku qal li din kienet suċċess u malli jitħallsu l-ispejjeż kollha ser jingħata rendikont tad-dħul u ħruġ relatat ma' din l-attività. Huwa qal li s-sena d-dieħla, idealment isir dawl anke fl-*area* tal-Knisja ta' Sant' Antnin. Rigward il-bnadar kien hemm qbil li għall-futur sat-13 ta' Diċembru jkun hemm il-bnadar ta' Malta u minn l-għada jittellgħu dawk tal-Kunsill. Kien hemm qbil ukoll li jiġi stabbilit kalendarju tal-attivitajiet sabiex kulhadd ikun infurmat minn qabel.

09.03.08 Rigward l-attività tal-Karnival ġie ratifikat il-ftehim li sar bejn il-laqgħat jiġifieri li f'din l-attività jkun hemm *Puppet Show* u banda eċċ u li -attività ssir is-Sibt 22 ta' Frar. Kien hemm qbil ukoll li nippruvaw inġibu xi *sponsors* sabiex jgħinu inaqqqsu l-ispejjeż (*Arts Council* eċċ). Kien hemm qbil li nappellaw lill-għaqdiet tar-raħal sabiex min huwa lest li jinvolvi ruħu fl-attivitajiet tal-Kunsill sabiex javviċinana. Kien hemm qbil ukoll li l-ammont li jinġabar matul is-sena bħala ħlasijiet ta' permessi eċċ, jkun l-ammont massimu li ser jintefaq fuq attivitajiet li jsiru matul is-sena.

09.03.09 Is-Sindku semma li waqt laqgħa li saret mir-Reġjun Port, kien hemm qbil li waħda mill-ikbar attivitajiet li ser isiru mir-Reġjun fl-okkażjoni tas-sena tal-Kultura matul l-2026 issir ġewwa Paola peress li bħala lokalita' ser inkunu qed niċċelebraw ċentinarju importanti.

## 09.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

09.04.01 Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar is-*central hanging lamps* li għadhom neqsin. Is-Sindku u s-SE spjegaw li għandna 10 ordnati iżda diġà hemm 5 li nafu li żgur iridu jinbdlu. Fiċ-ċirkostanzi fuq suġġeriment tal-Kunsilliera Piccinino ġie deċiż li għandna naraw li dejjem ikollna *stock* sabiex ma ninqabdux mingħajr bozoz u għalhekk ser jiġu ordnati 10 oħra.

KUNSILL LOKALI PAOLA

09.04.02 Il-Kunsillier Lynch staqsa kif bqajna fuq il-proġett ta' Pjazza Santa Ubaldeska. Is-Sindku spjega li hemm € 80,000 mill-fondi tal-LESA però għad isiru jsiru l-pjanti tal-*area*.

09.04.03 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet kif bqajna fuq il-funtani tal-Pjazza. Is-Sindku spjega li konna għadna qed nistennew il-kwotazzjoni tax-xogħol mingħand il-kumpanija li kienet responsabbli mill-installazzjoni oriġinali.

09.04.04 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-parkeġġ ta' ħdejn il-Paola Hub. Is-SE spjega li propju llum kien irċieva pjanta mingħand l-awtoritajiet li turi liema parti hija tal-Hub u liema parti ser tintuża bħala parkeġġ. Kien hemm qbil li l-Kunsill ser jibqa' jinsisti li na jsirx żvilupp fil-parti li hija riservata għall-parkeġġ filwaqt li nibqgħu ninsistu sabiex jiġu ndirizzati l-*issues* tal-*coolers* u l-bankina. ġie deċiż ukoll li nitolbu sabiex isiru tabelli u/jew *bollards* sabiex vetturi ma jkunux jistgħu jipproċedu minn Triq Zabbar lejn Triq is-Sorijiet.

09.04.05 Il-Kunsilliera Piccinino Staqsiet dwar il-master Plan u s-SE informa li konna għadna qed nistennew mingħand il-Ministeru konċernat. Ġie deċiż li nerġgħu niktbu lil-Ministru sabiex dan jiġi mplimentat qabel jiftaħ il-*Paola Hub*.

09.04.06 Il-Kunsilliera Piccinino talbet sabiex *bin* li hemm viċin Villa Blye fejn sar xi żvilupp dan l-aħħar, jerġa jeħel b'mod permanenti. Kien hemm qbil li dan isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

09.04.07 Il-Kunsilliera Piccinino ilmentat dwar parkeġġ fi Triq Kordin fejn jinħtieġ li jsir infurzar fuq bażi regolari. Kien hemm qbil li nkellmu lill-Pulizija tal-Komunità'.

09.04.08 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet kif bqajna dwar l-4 zebra crossings fi Triq Luqa/Triq Tarxien. Gie deċiż li nergghu inkellmu lil-Perit ta' IM.

09.04.09 Il-Kunsilliera Piccinino ilmentat dwar 2 bozoz li hemm fi Vjal Kristu Re li ilhom irrapurtati lil-Enemalta għal diversi ġimghat. Kien hemm qbil li nkomplu nsegwu.

09.04.10 Il-Kunsilliera Piccinino għamlet talba għal *zebra crossing* min naħa ta' Sare' għan-naħa l-oħra. Il-Kunsillier Camilleri informa li fil-passat kienet diġà saret talba f'dan is-sens iżda ma kienitx ġiet approvata minn Transport Malta. Kien hemm qbil li nerġgħu nagħmlu talba.

09.04.11 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar it-*Town of Sports*. Is-SE wiegħed li ser jibgħatha din il-ġimgħa.

09.04.12 Il-Kunsillier Caruana semma kif arblu b'bozza miegħu fi Triq Ninu Cremona li sparixxa. Is-SE semma li jista' jkun li dan sar in-konnessjoni ma *shifting* minħabba żvilupp li qed isir, però l-Kunsillier Caruana ser jgħaddi d-dettalji eżatti.

09.04.13 Il-Kunsillier Caruana semma bankina perikoluża fi Triq il-Knisja. Is-Sindku semma li dik il-parti tat-triq għandha tingħata t-*tarmac* mill-Ministeru ghat-Trasport u kien hemm qbil li jintbagħat *reminder* dwarha.

09.04.14 Il-Kunsillier Caruana ilmenta dwar ħajt tal-*bricks* li nbena fi Triq Nazzarenu kantuniera ma' Triq Santa Ubaldeska bil-konsegwenza li ngħalaq l-aċċess. Il-Kunsillier Caruana ser jipprovdi d-dettalji sabiex inkellmu lil sid il-propjetà.

09.04.15 Il-Kunsillier Caruana staqsa kif ser nibqgħu dwar Triq il-Foss peress li hemm xi residenti li qed jispiċċaw imsakkra go darhom bil-vetturi u s-Sindku spjega li x-xogħol għandu jibda fil-ġimghat li ġejjin u l-ħsieb huwa li jkun hemm bankina quddiem kull residenza. Ġie deċiż li niġru wara *Infrastructure Malta* dwar id-data ta' meta ser jinbeda x-xogħol.

09.04.16 Il-Kunsillier Caruana ilmenta dwar resident anzjan li qed iħalli l-ħobż biex jinxef taħt il-ħajt fi Triq Nazzarenu bil-konsegwenza li qed jiġu l-ġrieden u l-ħamiem jieklu minnu. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi riferut lill-Pulizija tal-Komunità.

09.04.17 Il-Kunsillier Caruana staqsa jistgħux isiru *Traffic Lights* fi Triq Zabbar viċin il-*Convenience*. Ġie deċiż li nitolbu lil-Transport Malta sabiex tiċċaqlaq viċin il-*Convenience*. Is-Sindku ssuġġerixxa li fl-istess parti tat-triq isir *continuous white line* sabiex il-vetturi ma jkunux jistgħu jaqbżu vetturi oħra bil-konsegwenza li jidħlu f'xi vettura oħra li tkun ġejja mid-direzzjoni opposta.

09.04.18 Il-Kunsillier Caruana staqsa kif konna bqajna dwar ilma tal-bjut fi Triq is-Sultana li kien qed jispiċċa ġol-*main sewer*. Il-Kunsillier Caruana ser jipprovdi d-dettalji sabiex ngħadduh lil tas-santità.

09.04.19 Il-Kunsillier Caruana ilmenta dwar skart li qed jiġi akkumulat fil-kantunieri. Kien hemm qbil li ninfurmaw lir-Reġjun sabiex isiru spezzjonijiet mill-ERA u lil Pulizija tal-Komunità sabiex forsi jinqabad xi ħadd.

09.04.20 Il-Kunsillier Caruana staqsa meta ser isir ir-*railing* li hemm nieqes fil-Pjazza. Is-Sindku spjega li għadu qed jipprova jsib lil xi ħadd biex jagħtina kwotazzjoni.

09.04.21 Il-Kunsillier Caruana staqsa meta ser jinqala s-*sleeping policemen* ta' Triq il-Ġdida u s-SE informa li sa dal-għodu stess kien fakkar lil-kuntrattur dwar dan ix-xogħol.

09.04.22 Il-Kunsillier Caruana staqsa għaliex ma jkunx hemm Pulizija ħdejn skola privata. Is-SE informa li f'każ ta' skejjel privati, hija l-iskola li trid tagħmel it-talba għall-Pulizija/Gwardjani u ovvjament tħallas għalihom.

09.04.23 Il-Kunsillier Caruana staqsa għaliex tabella tal-*Loading/Un Loading* fi Triq Żabbar ma għandiex ħinijiet fuqha. Kien hemm qbil li nirreferu l-każ lil-Pulizija tal-Komunità.

09.04.24 Il-Kunsillier Caruana staqsa hux possibbli li nistabbilixxu kemm hawn bankini fil-lokalita' li mhux aċċessibbli. Kien hemm qbil li sfortunatament il-maġġur parti tal-bankini mhux aċċessibbli però l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jieħu azzjoni dwarhom.

09.04.25 Il-Kunsillier Caruana staqsa meta ser titħawwel is-siġra ħdejn l-OK Bar u s-Sindku wiegħed li ser ifakkar lill-kuntrattur fiha.

09.04.26 Il-Kunsillier Caruana staqsa meta ser isir it-tibdil fir-rotot fi Triq l-Arkata u s-SE wiegħed li ser ikellem lil-Perit ta' Transport Malta għal aktar dettalji.

09.04.27 Il-Kunsillier Caruana Staqsa hux possibbli li ssir bozza fi Triq San Ġuzepp quddiem id-dentist. Kien hemm qbil li niċċekkjaw hemmx post fejn teħel.

09.04.28 Il-Kunsillier Caruana staqsa hux possibbli li fi Pjazza Santa Ubaldeska ssir replika tal-funtana li kien hemm qabel fil-Pjazza. Kien hemm qbil li naraw hux possibbli li ssir imma idealment issir f'sit ieħor.

09.04.29 Il-Kunsillier Caruana staqsa kienx hemm xi żviluppi dwar ix-xelter fi Triq Santa Monika. Kien hemm qbil li jekk ma jidħolx taħt id-djar tan-nies, nitolbu d-devoluzzjoni.

09.04.30 Il-Kunsillier Caruana staqsa kif ser ikollna nformazzjoni dwar il-laqgħat tar-Reġjun u s-Sindku wieġeb li fejn ikun possibbli hu qed jattendi għal dawn il-laqgħat.

09.04.31 Il-Kunsillier Caruana fakkar li fl-24 ta' April ser issir taħdita għall-anzjani ġewwa s-Sala dwar il-Hypogeum. Huwa qal ukoll li fit-13 u 14 ta' Settembru 2025, id-dħul ġewwa l-Hypogeum ser ikun nofs prezz.

***Fit-8:30 il-Kunsillieri Camilleri u Caruana ħallew il-laqgħa minħabba mpenji oħra personali.***

***Is-SE informa li kienu għaddew 3 siegħat mill-bidu tal-laqgħa u li għalhekk kien hemm bżonn il-qbil ta' dawk preżenti biex il-laqgħa tkun tista' tkompli. Peress li kien hemm qbil unanimu, l-laqgħa kompliet.***

**09.05 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

09.05.01 Is-SE informa li ma kienx hemm korrispondenza xi jressaq għall-attenzjoni tal-Kunsillieri.

**09.06 *Performance Appraisal* tal-impjegati (amministrazzjoni)**

09.06.01 Is-SE spjega l-proċedura dwar il-*Performance Appraisal* tal-impjegati u l-persentaġġi relatati mal-impjegati klerikali u tas-SE. Wara diskussjoni qasira dawk preżenti approvaw il-massimu tal-persentaġġi għal kulħadd. Is-SE irringrazzja lil dawk preżenti f'isem l-impjegati u f'ismu personali.

**09.07 Rapporti**

09.07.01 Is-SE informa li ma kienx hemm rapporti.

**09.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 09/09**

09.08.01 L-iskeda ta’ Pagamenti ġiet approvata unanimament. Ġew approvati ukoll numru ta’ kontijiet oħra li kienu waslu wara li kienet intbgħatet l-iSkeda tal-Pagamenti.

**09.09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

09.09.01 Il-laqgħa ntemmet fid-08:50 p.m. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ġimgħa 24 ta’ Jannar 2025 fis-1:00 p.m.

**Konfermati illum il-Ġimgħa 24 ta’ Jannar 2025.**

| | |
|---|---|
| **Jason Silvio**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |